MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2010

Numru 302/199

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Mario Bpnnici)**
**(Walter Spiteri)**

**Vs**

**Antoine Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Antoine Spiteri u dan talli, b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

(a) talli nhar l-ghaxra ta’ April 1996, ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta’ filghaxija u f’diversi okkazzjonijiet ohra f’hinijiet differenti w granet differenti fis-sitt xhur ta’ qabel,

ikkommetta serq ta’ diversi speci differenti ta’ hut u frott tal-bahar iehor, minn hanut bl-isem ta’ “Gejtu Fish Shop” li jinsab sitwat fi Triq is-Salini, Wied il-Ghajn, ghad-dannu w kontra l-volonta ta’ Joseph Seguna mill-Gzira w Joe Agius minn B’Kara, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000), bil-persuna w bil-hin.

(b) U aktar talli fl-ghaxra ta’ April 1996, ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta’ filghaxija u f’diversi okkazzjonijiet ohra f’hinijiet differenti w fi granet differenti fis-sitt xhur ta’ qabel, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwestati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxijhom (cioe diversi speci differenti ta’ hut w frott tal-bahar iehor).

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza in konnessjoni ma serq kif kwalifikata izda mhux dik ta’ ricettazzjoni.

Ghalhekk il-Qorti qed ssib lill-akkuzat hati tal-akkuza ta’ serq kif kwalifikata izda mhux hati ta’ dik ta’ ricettazzjoni u dan skond l-artikoli 18, 261(b)(c)(d)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 269, 270, 278(1)(2)(3), 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward il-piena wara li kkonsiderat illi, kif jirrizulta mill-fedina penali tal-akkuzat ezebita in atti din kienet kwazi nadifa ghal kollox fiz-zmien tal-kommissjoni ta’ dan ir-reat, inoltre l-vittma gie rizarcit, il-Qorti tara li ghandha tapplika l-artikolu 28(a) tal-Kapitlou 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta’ sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin bil-kondizzjoni li l-akkuzat ma jikkommettiex reat iehor soggett ghal prigunerija f’dan il-perjodu ta’ erbgha (4) snin.

In rigward l-applikazzjoni tal-artikolu 533, il-Qorti ma tistax timponi l-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu stante li l-esperti kollha gew nominati waqt l-inkjesta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------